MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 43/2004/1

**Adelaide Ellul, Edmea mart Michael Calleja u l-istess Michael Calleja**

**vs**

**Modern Crown Stoppers Limited, Alexandra mart Norman Falzon Scerri, Rita Ellul, Emeric Ellul, Carmelo sive Charles Ellul**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur:

Illi bi skrittura tat-28 ta' Settembru 1976 fl-atti tan-Nutar Joseph Vella Galea, l-esponenti ma' l-intimati Emanuel Ellul, Emeric Ellul u Carmelo sive Charles Ellul krew lill-intimat il-fond 26 Racecourse Street, Marsa bil-kera ta' Lm1000 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem kull

28 ta’ Gunju, 28 ta’ Settembru, 28 ta’ Dicembru u 28 ta’ Marzu.

Illi huma jafu illi l-intimat ma ghadux jopera mill-fond in kwistjoni u mill-imsemija fond qed topera is-socjeta C.Ellul & Sons Limited.

Illi din ic-cessjoni tammonta ghal sollukazzjoni u/jew assenjazzjoni vjetata mil-ligi u mill-istess kuntratt tal-kiri partikolarment klawzola (6) tal-istess skrittura.

Illi huma jafu li l-intimat Modern Plastic Containers Limited qed jopera mill-fond RL4 Zona Industrijali Kalkara.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripreza tal-fond imsemmi 27 u 28 Racecourse Street, Marsa taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun u dan fi zmien qasir u perentorju.

Ra r-risposta tal-intimati Carmelo sive Charles u Emeric ahwa Ellul:

Fl-ewwel lok, ir-rikorrent Michael Calleja ma ghandux “locus standi” fil-kawza odjerna.

Fit-tieni lok fl-iskrittura ta’ lokazzjoni tat-28 ta’ Settembru 1976 li ghaliha saret referenza mir-rikorrenti fir-rikors taghhom, ma hemmx divjet ghal sollukazzjoni jew cessjoni ta’ kirja kif allegat mir-rikorrenti.

Fit-tielet lok,  u bla pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi att rigwardanti l-fond de quo sar bil-konsapevolezza u accettazzjoni shiha tas-sidien kollha komprizi r-rikorrenti Adelaide Ellul u Edmea Ellul li jaccettaw il-kera u jgeddu l-kirja.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti kif dedotta ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontirhom.

Ra wkoll ir-risposta ta-socjeta’ ntimata:

Illi fl-ewwel lok Michael Calleja ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri.

Illi fit-tieni lok fl-iskrittura ta' lokazzjoni datata 28 ta' Settembru 1976 u li saret referenza ghaliha fir-rikors promutur ma jirrizultax li hemm divjet ghas-sollukazzjoni jew cessjoni ta' kirja.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghandha tigi michuda peress li dak li sar [anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jista jigi deskritt bhala cessjoni jew sollukazzjoni] sar bil-pjena konsapevolezza u accettazzjoni tas-sidien li baqghu jgeddu l-kirja minn sena ghal sena.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza instemghet flimkien mar-Rikors numru 44/2004 u l-provi hemm migbura huma formanti parti minn din il-kawza li kienet deciza llum minn dan il-Bord;

Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-Bord qed jaghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet fir-rikors 44/2004 u jzid jikkonsidra illi kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza, l-uzu ta' fond ghall-iskop li jkun indikat bhala l-ufficcju registrat ta' kumpanija ma jammontax ghal-sullokazzjoni tal-fond jew tal-avvjament sakemm ma dak il-fond jew avvjament ma jkunx jifforma parti milli *objects* tal-istatut tal-kumpanija. Jokkorri ukoll ikun pruvat illi l-inkwilin ikun svesta lilu nniffsu minn kull konnessjoni tal-fond jew negozju allegatament sullokat jew trasferit sabiex tkun tirrizulta dik is-sullokazzjoni jew cessjoni, haga din li fil-fehma tal-Bord ma saritx.

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord qed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------